MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2013

Talba Numru. 130/2009

**Malta Directories Limited**
**C-25186**

**vs**

**Cachia Frank u permezz ta' digriet datat 23 ta' Marzu 2009, gie kjamat in kawza Ashraf El Khabuli**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lil dan it-Tribunal joghgbu jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' erba' mija u erbgha u disghin Ewro u sitta u sebghin centezmu (€494.76c), rapprezentanti l-bilanc dovut ghal servizz ta' reklamar pprovdut lilek mis-socjeta' attrici permezz tal-pubblikazzjoni taghha *'The Malta Business Directory'*. Flimkien ma' l-ispejjez ta' l-ittra ufficjali numru 4502/08 u tal-prezenti. Bl-imghaxijiet legali sad-data tal-hlas effettiv.

Ra r-risposta tal-konvenut, li permezz taghha eccepixxa illi t-talba attrici hija fattwalment u legalment insostenibbli u ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li l-ammont mitlub u reklamat mis-socjeta' attrici ma huwiex dovut mill-konvenut Frank Cachia u dan kif gie indikat lis-socjeta' attrici qabel ma gietipprezentata din it-talba u kif ser jigi ppruvat waqt is-smiegh tal-kawza. In fatti s-servizz li l-hlas ghalih qieghed jigi mitlub u reklamat, inghata u gie gawdut minn Ashraf El Khabuli li kurrentement qieghed jmexxi dak li kien qabel maghruf bhala *"Shisha Restaurant"*. Ghall-finijiet ta' din l-eccezzjoni u billi l-imsemmi Ashraf El Khabuli ghandu l-interess guridiku mehtieg sabiex jigi kjamat fil-kawza halli jirrispondi ghat-talbiet tas-socjeta' attrici, l-imsemmi konvenut Frank Cachia qieghed jitlob il-kjamata in kawza ta' Ashraf El Khabuli (karta ta' identita' numru 37368A) u li joqghod *"Avonlea"*, Triq Guzeppi Lanzon, Marsascala.

Ra l-verbal tas-seduta tat-23 ta' Marzu, 2009, fejn gie mitlub illi jigi kjamat fil-kawza Ashraf Elkhabuli, u d-digriet tat-Tribunal, li permezz tieghu giet milqugha din it-talba.

Ra r-risposta tal-kjamat in kawza, li permezz taghha eccepixxa illi s-socjeta' attrici trid tipprova min effettivament ordna s-servizzi minnha allegatament prestati u z-zmien meta dawn is-servizz[i] gew prestati; Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni precedenti l-konvenut Frank Cachia kien beda proceduri sabiex jigi ddikjarat li t-trademark *Shisha* jappartjeni lilu u permezz ta' mandat pprezentat fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili bin-numru 1330/08 l-kjamat in kawza Ashraf El Khabuli gie inibit milli jutilizza t-trademark *Shisha* u konsegwentement kwalunkwe reklamar maghmul mis-socjeta' attrici wara d-data tal-mandat fuq riferit ghandu jithallas minn Frank Cachia; Illi t-talba attrici fil-konfront tal-kjamat in kawza hija intempestiva stante li hu qatt ma gie interpellat sabiex ihallas l-ammont mitlub f'dawn il-proceduri; Illi l-kjamat in kawza m'ghandux ibati l-ispejjez gudizzjarji u/jew l-ispejjez tal-ittra ufficjali indikata fit-talba promutorja stante li hu qatt ma gie interpellat sabiex ihallas l-ammont mitlub f'dawn il-proceduri; Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-

dritt; bl-ispejjez kontra l-konvenut Frank Cachia u s-socjeta’ attrici.

Ra l-verbal tas-seduta tas-6 ta’ Mejju, 2010 li permezz tieghu l-kawza giet differita *sine die.*

Ra r-rikors tas-socjeta’ attrici datat 13 ta’ Awissu, 2010, li permezz tieghu l-istess socjeta’ attrici talbet illi l-kawza terga’ tigi appuntata ghas-smiegh u titpogga fuq il-lista tal-kawzi; Ra d-digriet ta’ dan it-Tribunal datat 16 ta’ Awissu, 2010, li permezz tieghu din it-talba giet milqugha, u l-kawza tpoggiet ghas-smiegh fuq il-lista tal-kawzi tat-3 ta’ Dicembru, 2010.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Ikkunsidra,

Illi d-diretturi tas-socjeta’ attrici ghamlu referenza ghall-*confirmation order* datata 30 ta’ April, 2008 li giet iffirmata mill-konvenut, u li permezz taghha saret l-ordni sabiex isir ir-reklam tar-restaurant *“Shisha World Cuisine”* fid-direttorju *“The Malta Business Directory”*, liema reklam sar fit-tmien-(8) edizzjoni ta’ din il-pubblikazzjoni. Illi d-diretturi kkonfermaw illi rcivew hlas ta’ depozitu minghand il-konvenut fl-ammont ta’mija u erbgha u sittin Ewro u tnejn u disghin centezmu (€164.92c), u li kien ghadu dovut il-bilanc fl-ammont ta’ erba’ mija erbgha u disghin Ewro u sitta u sebghin (€494.76c).

Illi skond id-deposizzjoni li nghatat minn Janice Sciberras, permezz ta’ affidavit, l-ordni ghal dan ir-reklam kienet saret mill-konvenut, u kienet tikkorispondi direttament mieghu – kemm bit-telephone kif ukoll e-mail – dwar ir-reklam li kellu jsir.

Illi da parti tieghu, il-konvenut ddikjara illi fiz-zmien meta saret l-ordni ghar-reklam, hu kien involut fil-gestjoni ta’ restaurant f’Marsascala bl-isem “*Shisha World Cuisine*”, u dan bi shab mal-kjamat in kawza, u li dawn kellhom

assocjazzjoni ta’ negozju bejniethom. Hu spjega illi ghalkemm kien hu li ffirma l-*confirmation order*, dan ghamlu bhala l-*contact person*, u mhux ghaliex kien qed jaghmel l-ordni ghar-reklam f’ismu wahdu. Iddikjara, inoltre, illi l-pagament tad-depozitu sar permezz ta’ cheque iffirmat mill-kjamat in kawza. Illi fl-istess zmien meta giet iffirmata l-*confirmation order* ghar-reklam, inqala’ dizgwid bejn il-konvenut u l-kjamat in kawza, u l-konvenut gie eskluz mill-gestjoni tar-restaurant, tant illi l-istess konvenut kellu jiehu azzjoni legali fil-konfront tal-kjamat in kawza sabiex tigi xjolta l-assocjazzjoni ta’ negozju li kellhom bejniethom. Illi fil-frattemp, il-kjamat in kawza kien baqa’ ghaddej bil-gestjoni tar-restaurant minghajr tfixkil, ghaliex kollox kien irregistrat f’ismu. Illi l-konvenut qed jikkontendi illi ghalhekk m’ghandux ikun tenut illi jhallas ghal tali reklam ghaliex kien gie estromess mill-gestjoni tan-negozju li dwaru kien qed isir ir-reklam, u li se mai ghandu jkun il-kjamat il-kawza li jhallas ghal dan is-servizz.

Illi l-kjamat in kawza, ghalkemm ikkontesta l-kawza, qatt ma attenda ghas-seduti quddiem it-Tribunal, u lanqas ma ressaq ebda provi in sostenn tal-eccezzjonijiet tieghu.

Ikkunsidra,

Illi l-konvenut mhux qed jikkontesta l-fatt illi r-reklam in kwistjoni sar mis-socjeta’ attrici, u lanqas m’hu qed jikkontendi illi ma sarx kif miftiehem, izda l-kontestazzjoni tieghu hija unikament dwar min ghandu jhallas ghal dan ir-reklam. Il-kjamat in kawza, permezz tar-risposta tieghu, lanqas ma jidher li qed jikkontesta li dan ir-reklam sar, izda biss, li ma kienx hu li ghamel l-ordni ghal tali reklam, u li kienu saru proceduri mill-konvenut fil-konfront tieghu sabiex iwaqqfu milli jghamel uzu mit-trademark *“Shisha”*, u li ghalhekk m’ghandux jigi tenut li jhallas ghal tali kont. Illi inoltre, ddikjara li hu qatt ma gie interpellat mis-socjeta’ attrici sabiex ihallas il-bilanc dovut, u ghalhekk m’ghandux ibaghti spejjez gudizzjarji.

Illi l-allegazzjonijiet sollevati mill-kjamat in kawza dwar l-uzu, o meno, tat-trademark *“Shisha”* ma gew bl-ebda mod

sostanzjati, bhal ma gewx sostanzjati l-eccezzjonijiet l-ohra tieghu. Madanakollu, huwa evidenti illi la l-konvenut u lanqas il-kjamat in kawza m'huma qed jerfghu r-responsabilita' ghall-hlas tal-bilanc li ghadu dovut, u qed jittrasferixxu fil-konfront ta' xulxin din ir-responsabilita'.

Illi l-konvenut, da parti tieghu, ipprezenta sett ta' dokumenti li huma l-atti ta' kawza li giet intavolata minnu fil-konfront tal-kjamat in kawza, bil-ghan illi tigi xjolta l-assocjazzjoni ta' negozju li kienet saret bejniethom. Illi s-socjeta' attrici m'hix - ovvjament - parti f'dik l-azzjoni, u ghalhekk l-ezitu taghha ma jinfluwixxi bl-ebda mod fuq dawn il-proceduri u wisq anqas fuq il-mertu ta' din il-kawza.  Illi f'dak li jirrigwarda kwalunkwe arrangament li seta' kien hemm bejn il-konvenut u l-kjamat in kawza fiz-zmien meta saret l-applikazzjoni ghar-reklam, ma ngabu ebda provi la mill-konvenut u lanqas mill-kjamat in kawza. Lanqas ma giet sostanzjata l-allegazzjoni li saret mill-konvenut illi l-hlas tad-depozitu ghal dan ir-reklam sar permezz ta' cheque iffirmat mill-kjamat in kawza.

Illi ghalhekk, u f'dak li jirrigwarda l-azzjoni proposta mis-socjeta' attrici u l-hlas mitlub minnha ghas-servizz li hi rrendiet, tali talba hija msejsa fuq il-*confirmation order* datata 30 ta' April, 2008, li kopja taghha tinsab ezebita *a fol.*39 tal-atti.  Illi mhux ikkontestat mill-konvenut illi l-firma li tirrizulta fuq dan id-dokument hija tieghu.  Illi oltre li ffirma dan id-dokument, l-istess konvenut identifika ruhu fuq dik il-parti tad-dokument fejn hemm indikat "*designation*", bhala "*owner*".  Illi ma saret ebda kwalifika jew limitazzjoni mill-konvenut dwar f'liema kapacita' kien qed jiffirma dan id-dokument, u lanqas ma jirrizultaw b'ebda mod id-dettalji tal-kjamat in kawza bhala ko-proprjetarju tan-negozju li dwaru kien qed jigi mhejji r-reklam.  Illi jsegwi ghalhekk illi n-ness guridiku tas-socjeta' attrici, li huwa regolat b'din l-iskrittura, huwa unikament mal-konvenut.  Illi ghalhekk, dan id-debitu ghandu jigi saldat mill-konvenut, minghajr pregudizzju ghal kwalunkwe rimedju li l-konvenut jista' jkollu fil-konfront tal-kjamat in kawza in konnessjoni mat-twettiq ta' dan il-hlas.

Illi ghalhekk filwaqt illi it-Tribunal ser jilqa’ l-ewwel eccezzjoni tal-kjamat in kawza, ser jghaddi sabiex jichad l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut, u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici l-bilanc minn somma akbar dovut lilha.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jilqa’ l-ewwel eccezzjoni tal-kjamat in kawza, u jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici, u jordna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ erba’ mija erbgha u disghin Ewro u sitta u sebghin centezmu (€494.76c), bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-Avviz tat-Talba.

L-ispejjez tas-socjeta’ attrici jkunu a karigu tal-konvenut, filwaqt illi l-ispejjez tal-kjamat in kawza jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------